**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Novembru 2022**

**Rikors Nru. 985/2022 GM**

**BNF Bank plc ġja` Banif Bank (Malta) plc (C 41030)**

**vs**

**Mario u Charlene (konjuġi) Fenech**

**(K.I. numri 182882M u 224285M rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-kumpannija BNF Bank plc ġja` Banif Bank (Malta) plc li permezz tieghu wara li ppremettiet illi :

> 1. Il-kumpannija esponenti hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;
>
> 2. L-intimati huma klijenti tal-kumpannija esponenti u ħadu minn għandha self li jikkonsisti f'Home Loan ta' mija u għaxart elef Euro (€110,000) u dan permezz ta' credit agreement datat 24 ta' Mejju 2019 u kuntratt pubbliku magħmul fl-20 ta' Settembru 2019 in atti tan-nutar Dr Chantelle Borg (ara Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament);

3. L-intimati naqsu milli jħallsu lura s-self u konsegwentement, id-dejn, li jikkonċerna Home Loan Account numru 611310 71 001, jammonta għal mija u għaxart elef, tliet mija u tliet Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€110,303.63), li sas-7 t'Ottubru 2022 kien jinkludi mgħaxijiet t'erbat elef, disa' mija u tmienja u disgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€4,998.67) (ara statement Bankarju markat Dok. 'C')

4. Id-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tiegħu mill-intimati lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsola 14 tal-credit agreement markat Dok. 'A' u tal-parti markata bl-aħdar fuq il-kuntratt pubbliku markat Dok. 'B', stante li kif qed jiġi stipulat hawn, seħħew waħda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin fil-credit agreement u l-kuntratt pubbliku msemmija, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

5. Imbagħad fuq Current Account numru 611310 10 001, appartenenti lill-intimati (ara account opening form markat Dok. 'D'), hemm dovuti elfejn u ħdax-il Euro u disgħin ċenteżmu (€2,011.90) li sas-7 t'Ottubru 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet ta' tliet Euro u disgħin ċenteżmu (€3.90) (ara statement Bankarju markat Dok. 'E') u dan l-ammont jikkonsisti fi spejjeż tal-Bank marbuta mad-dejn ġja` msemmi;

6. In vista tas-suespost, l-ammont dovut hu ta' mija u tnax-il elf, tliet mija u ħmistax-il Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€112,315.53);

7. Il-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 5 t'Ottubru 2021 u (ara Dok. 'F') u ittra uffiċjali numru 3293/2022 datata 4 t'Awwissu, 2022 u preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'G'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;

8. Il-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;

9. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta’ u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

2. Tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta’ €112,315.53; u

3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta’ €112,315.53,

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet mis-7 t’Ottubru 2022 sad-data tal-pagament effettiv. L-imgħaxijiet qed jintalbu kif ġej:

•bir-rata ta’ sitta punt disgħa disgħa fil-mija (6.99%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Home Loan Account fuq imsemmi, u dan skont kif stipulat fi klawsoli 4 u 14 tal-credit agreement markat Dok. ‘A’ u l-parti bl-oranġjo fuq il-kuntratt pubbliku markat Dok. ‘B’ imsemmi aktar ‘l fuq, u

•bir-rata t’għaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan abbażi tal-General Terms And Conditions u t-Tariff Of Charges relattivi (ara Dok. ‘H’ u Dok. ‘I’ u b’mod partikolari l-immarkar bl-ahdar fuq Dok. ‘I’).

Rat li l-konvenuti ammettew it-talbiet attriċi permezz ta’ nota ppreżentata llum stess fir-registru tal-Qorti u ffirmata minnhom personalment.

Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa fil-mertu.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba għaliex m’hemmx bżonnha.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta’ €112,315.53.

3. Tilqa’ in parte t-tielet talba billi tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet mis-7 t’Ottubru 2022 sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta’ sitta punt disgħa disgħa fil-mija (6.99%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Home Loan Account fuq imsemmi, u dan skont kif stipulat fi

klawsoli 4 u 14 tal-credit agreement markat Dok. ‘A’ esibit mar-rikors maħluf u bir-rata ta’ 8% fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF